

Domanda preliminari

Fil-każ ta' klawżola kuntrattwali li tgħaddi lill-konsumatur obbligu ta' hłas li legalment huwa tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, l-iżbilanċ imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jirriżulta mis-sempliċi fatt li obbligu ta' hłas li legalment huwa tal-bejjiegħ jew tal-fornitur huwa mgħoddi lill-konsumatur, jew il-fatt li d-Direttiva teżiġi li l-iżbilanċ huwa sinjifikattiv jimplika, fost oħrajn, li r-riperkussjoni ekonomika fuq il-konsumatur għandha tkun sinjifikattiva meta mqabbla mal-ammont totali tal-operazzjoni?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (ir-Renju Unit) fis-16 ta' Mejju 2012 — Specsavers International Healthcare Ltd, Specsavers BV, Specsavers Optical Group Ltd, Specsavers Optical Superstores Ltd vs Asda Stores Ltd

(Kawża C-252/12)

(2012/C 227/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Specsavers International Healthcare Ltd, Specsavers BV, Specsavers Optical Group Ltd, Specsavers Optical Superstores Ltd

Konvenuta: Asda Stores Ltd

Domandi preliminari

(1) Fil-każ fejn operatur ikun proprjetarju ta' reġistrazzjonijiet distinti ta' trade marks Komunitarji għal

(i) trade mark figurattiva

(ii) trade mark verbali

u jużahom it-tnejn flimkien, tali użu jista' jikkostitwixxi użu tat-trade mark figurattiva għall-finijiet tal-Artikoli 15 u 51 tar-Regolament Nru 207/2009⁽¹⁾? F'każ li r-risposta tkun fl-affermattiv, kif għandu jiġi evalwat l-użu tat-trade mark figurattiva?

(2) Ir-risposta tkun differenti jekk:

(i) it-trade mark verbali hija sovrapożizzjonata fuq l-element figurattiv?

(ii) l-operatur irreġistra wkoll, bħala trade mark Komunitarja, it-trade mark ikkombinata komposta mill-element figurattiv u mit-trade mark verbali?

(3) Ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domandi tiddependi minn jekk l-element figurattiv u l-kliem jitqiesux mill-konsumatur medju (i) bħala sinjali distinti; jew (ii) li kull wieħed minnhom għandu rwol distintiv indipendenti? F'dan il-każ, sa fejn?

(4) Meta trade mark Komunitarja ma hijiex irreġistrata bil-kulur, iżda l-proprjetarju tagħha jkun għamel użu sostanzjali minnha b'kulur jew b'kombinazzjoni ta' kuluri partikolari, b'mod li, għall-parti kbira mill-pubbliku (f'parti u mhux fl-intier tal-Komunità), tali trade mark saret assoċjata ma' dan il-kulur jew ma' din il-kombinazzjoni ta' kuluri, il-kulur jew il-kuluri li juża l-konvenut għas-sinjal inkwistjoni huma rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali (i) tal-probabbiltà ta' konfużjoni skont l-Artikolu 9(1)(b), jew (ii) tal-vantaġġ inġust skont l-Artikolu 9(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009? F'dan il-każ, sa fejn?

(5) F'każ li r-risposta tkun fl-affermattiv, il-fatt li l-konvenut stess huwa assoċjat, fil-parti l-kbira tal-pubbliku, mal-kulur jew mal-kombinazzjoni tal-kuluri partikolari li huwa juża għas-sinjal inkwistjoni huwa rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali?

⁽¹⁾ ĠU L 78, p. 1.

Appell ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2012 minn Volkswagen AG kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-63/09, Volkswagen AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-260/12 P)

(2012/C 227/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Volkswagen AG (rappreżentanti: H.-P. Schrammek, C. Drzymalla, S. Risthaus, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-63/09.